**Ruling mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia, fis-Seduta 259 tas-7 ta' Ottubru 2024 dwar xhieda mogħtija quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

Fis-Seduta tal-15 ta' Lulju 2024, li kienet l-aħħar seduta qabel ma l-Parlament aġġorna għall-btajjel tas-sajf, l-Onor. Darren Carabott talab lis-Sedja hekk:

> "Sur President, nagħmel referenza għal artiklu li ħareġ proprju lbieraħ u għalhekk din hija l-ewwel opportunità biex inqajjem il-punt. Nirreferi għall-artiklu ppubblikat minn *The Shift*, bit-titolu "ESKLUSSIVA: Schembri uża email falz biex jimmanipula n-negozjati tal-Electrogas.".
>
> Kif taf, Sur President, il-PAC, il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, għamel xhur twal jinvestiga dan il-kuntratt tal-għotja min-naħa tal-Enemalta lill-ElectroGas. Kien hemm tliet seduti li fihom xehed is-Sur Keith Schembri. Qed nirreferi għas-seduti tat-28 ta' Marzu, tat-18 ta' April u tal-25 ta' April tal-2023. Se nikkwota minn dan l-artiklu:
>
>> "Minn emails li ra *The Shift* u li qatt ma ġew ippubblikati qabel joħroġ fid-deher il-kontra ta' dak li ħalef waqt ix-xhieda tiegħu ..."
>
> – quddiem il-PAC –
>
>> "... jiġifieri li Schembri nżamm infurmat dwar in-negozjati b'mezz sigriet tal-komunikazzjoni ma' Yorgen Fenech, Ram Tumuluri u l-Gasol Plc.".
>
> Is-Sedja taf li hemm il-linji gwida u hemm il-liġijiet li japplikaw f'dawn il-każijiet. Għaldaqstant nitlob id-direzzjoni tas-Sedja f'dan ir-rigward. Se nkun qiegħed ngħaddilek kopja tal-artiklu relevanti.".

Hawnhekk is-Sedja wieġbet lill-Onor. Darren Carabott u qalet:

> "Hemm ruling ċar li ġie komunikat lilek, hemm kawża pendenti, eċċ. Għaddili kollox.".

Is-Sedja rat dak li ġie rapportat minn *The Shift*, fejn fl-ewwel verżjoni tat-13 ta' Lulju, li kien artiklu bl-Ingliż bit-titolu "EXCLUSIVE: Schembri used fake email to manipulate Electrogas negotiations", fejn fost l-oħrajn jingħad illi "Keith Schembri testified under oath that he was unaware key players in the hospitals scandal had negotiated for shares in Electrogas, the energy deal"; "Previously unpublished messages reveal a different story"; u "Schembri wasn't just kept informed of negotiations. He was actively involved in them. The fake email address he used also reveals startling parallels between the hospitals deal and Electrogas.".

Is-Sedja rat ukoll it-traskrizzjoni tal-laqgħat tal-PAC li għamel referenza għalihom l-Onor. Carabott, jiġifieri l-Laqgħa Nru 25 tat-28 ta' Marzu 2023, li fiha 42 paġna ta' traskrizzjoni; il-Laqgħa Nru 26 tat-18 ta' April, li fiha 38 paġna ta' traskrizzjoni; u l-Laqgħa Nru 27 tal-25 ta' April tal-2023, li fiha 7 paġni ta' traskrizzjoni. Minn dawn it-traskrizzjonijiet jidher li prattikament saret biss domanda miċ-Chairperson lix-xhud Keith Schembri, u wara li tqajmet kwestjoni mill-Avukat tiegħu, Dr Edward Gatt, maċ-Chairperson u l-Membri tal-Kumitat, tliet membri tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, ċjoè l-istess Chairperson, l-Onor. David Agius u l-Onor. Graham Bencini, għamlu rapport lill-Pulizija biex is-Sur Keith Schembri jiġi

investigat dwar allegat xhieda falza – mhux veritiera – li ta quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

Id-domanda li saret miċ-Chairperson, wara li kien hemm talba minn Dr Edward Gatt u minn Dr Mark Vassallo biex jintalab ruling mis-Sedja, kienet din:

> "Jien f'dan l-istadju se nagħmel id-domandi. S'issa x-xhud għadu ma rrifjutax li jirrispondi, tkellmu biss l-avukati tiegħu. (Interruzzjonijiet) Jien se nagħmel id-domandi, imbagħad ix-xhud jiddikjara hu kif se jkun qiegħed iwieġeb.
>
> Sur Schembri, kif diġà għedtlek, l-istess ġurament li kellek fiż-żewġ laqgħat preċedenti japplika għal-lum ukoll. Jien se nagħmel id-domandi tiegħi u inti għandek l-obbligu li tirrispondi dan il-Kumitat ħlief fl-istanza, kif qiegħda fil-linji gwida, li tkun se tinkrimina lilek innifsek.
>
> Fix-xhieda tiegħek fl-aħħar laqgħa inti għedtilna li Egrant ma ntużatx. Kif taf li l-kumpanija Egrant ma ntużatx?"

Hawnhekk ix-xhud, is-Sur Keith Schembri, wieġeb hekk:

> "Niddeċiedi li ma nweġibx minħabba l-kawża Kostituzzjonali li se tinfetaħ within the next two days.".

Imbagħad saret domanda oħra mill-istess Chairperson:

> "Bla dubju, għandek id-dritt kollu tagħmel spjega.
>
> Sur Schembri, id-domanda għamilthielek, se nerġa' nispjegalek ċar u tond, u jekk trid inġibulek kopja tal-guidelines, għalkemm tinsab assistit minn żewġ avukati li kapaċi jiggwidawk huma. Fil-guidelines hemm ċar li l-unika istanza li fiha tista' ma tirrispondix id-domandi tagħna hi jekk tkun se tinkrimina lilek innifsek. Id-domanda li għamiltlek qabel, jiġifieri kif inti taf li Egrant ma ntużatx, se tagħżel li ma tirrispondihiex għax se tinkrimina lilek innifsek?"

Hawnhekk Keith Schembri wieġeb hekk:

> "M'iniex se nirrispondi biex nistenna l-eżitu tal-kawża Kostituzzjonali.".

Hawnhekk iċ-Chairperson qal hekk:

> "Mela qed tagħmilha ċara li m'intix se teżerċita dak id-dritt tal-guidelines imma għandek raġuni oħra għalfejn ma tridx tirrispondi.".

U hawn is-Sur Keith Schembri rrisponda:

> "Hekk hu.".

Is-Sedja għamlet ukoll referenza għal-linji gwida li ġew indikati fit-talba li għamel l-Onor. Darren Carabott, liema linji gwida kienu ġew adottati fl-2011u jikkonċernaw xhieda li jidhru quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Fost oħrajn dawn il-linji gwida jagħmlu

referenza wkoll għall-Kodiċi Kriminali (Kap. 9), għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u l-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) meta japplikaw għax-xhieda li jidhru quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

Jidher li l-linji gwida li qed issir referenza għalihom mill-istess Onor. Darren Carabott huma d-19 u s-26, u ser nikkowta.

Il-linja gwida19 jgħid illi:

> "19. No Witness is to be compelled to answer a question which might incriminate him/her.".

Filwaqt li s-26 jgħid illi:

> "26. False evidence given to the Committee is considered by the House as contempt, and as perjury if given under oath.".

Is-Sedja rat ukoll dak li ġara wara l-aħħar laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi ċitati, ċjoè l-laqgħa tal-25 ta' April 2023, meta fis-seduta parlamentari 114 tal-25 ta' April 2023, l-Onor. Darren Carabott, bħala Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi talab lis-Sedja:

> "Sur President, nagħmel referenza għal dak li seħħ illum fil-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, fejn quddiemna kellna mħarrek bħala xhud lis-Sur Keith Schembri. Nitolbok sabiex tipprovdi gwida kif il-Kumitat jista' jimxi 'l quddiem hekk kif illum is-Sur Keith Schembri rrifjuta li jirrispondi d-domandi u meta mistoqsi raġuni għalfejn, kif jipprovdu l-linji gwida – għaliex il-linji gwida tal-PAC jipprovdu ċar u tond li l-unika istanza fejn persuna tista' ma tagħtix ix-xhieda tagħha hi jekk tkun se tinkrimina lilha nnifisha – irrifjuta li jagħti dik ir-raġuni, u minflok ta raġuni oħra li mhijiex skont il-proċeduri tal-Kumitat. Għaldaqstant nitolbok sabiex tipprovdi gwida ta' kif nistgħu nimxu 'l quddiem bħala Kumitat.".

Is-Sedja, fis-Seduta 116 tat-2 ta' Mejju 2023, fid-deċiżjoni tagħha dwar dak li talab l-Onor. Darren Carabott, wara li għamlet referenza għal dak li ntqal fil-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi msemmija, qalet hekk:

> "Is-Sedja tinnota li waqt li kienet qed tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward ta' dan ir-Ruling, saret kawża kostituzzjonali quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "Keith Schembri vs l-Onor. Darren Carabott, l-Onor. David Agius, l-Onor. Graham Bencini, l-Avukat tal-Istat għal kull interess li jista' jkollu u l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati għal kull interess li jista' jkollu" (Rikors Nru 221/23 GM). F'din il-kawża saret referenza għal dak li nqala' fl-aħħar seduta tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi u għat-talba tax-xhud sabiex tiġi sospiża d-depożizzjoni tiegħu quddiem l-istess Kumitat. Saret referenza wkoll li wara li huwa kien qed jirrispondi għad-domandi kollha li jsirulu, talab li f'din l-istanza tiġi sospiża d-depożizzjoni tiegħu *stante* li l-Onor. Darren Carabott, l-Onor. David Agius u l-Onor. Graham Bencini għamlu rapport lill-Pulizija fejn talbu illi l-istess xhud Keith Schembri u żewġ xhieda oħra jiġu investigati dwar ġurament falz quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

Għalhekk ix-xhud Keith Schembri talab biex il-Qorti tiddikjara l-pożizzjoni tagħha dwar jekk l-Onor. Carabott, l-Onor. Agius u l-Onor. Bencini, jew min minnhom, jista' jkun li lledew id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq, liema smigħ xieraq huwa protett taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda ta' Kapitlu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent Keith Schembri talab ukoll lill-Qorti Kostituzzjonali biex tiddikjara jekk l-Ordni Permanenti 62 jipprekludix xhud f'Kumitat Parlamentari milli jagħmel talbiet lill-Ispeaker għall-protezzjoni tad-dritt tiegħu. Huwa talab ukoll lill-Qorti Kostituzzjonali biex tieħu dawk il-miżuri meħtieġa biex is-smigħ tax-xhieda tiegħu jiġi sospiż sakemm ikun hemm l-eżitu tal-istess investigazzjoni kriminali fuq sperġur mitluba mill-Onor. Carabott, l-Onor. Agius u l-Onor. Bencini.

Is-Sedja tifhem li dan huwa każ partikolari u li jidher li dan huwa l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fl-esperjenza tal-istess Sedja fejn Membri ta' Kumitat Parlamentari jew uħud minnhom – f'dan il-każ kien hemm tlieta minnhom – jagħmlu rapport għall-investigazzjoni lill-Pulizija b'mod dirett u jkunu l-istess Membri li jkomplu bis-servizz tagħhom fil-Parlament fil-konfront tal-istess xhud meta talbu investigazzjoni dwar sperġur fil-konfront tiegħu. Is-Sedja, mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-każ tinnota illi l-linji gwida ma jikkontemplawx każ bħal dan, ċjoè fejn fl-istess waqt li qed jixhed xhud isir rapport għall-investigazzjoni ta' sperġur fil-konfront tal-istess xhud li jkun qed jiġi mħarrek biex ikompli x-xhieda tiegħu, u dan quddiem l-istess Membri jew uħud minnhom li jkunu għamlu l-istess rapport.

Barra minn hekk is-Sedja tinnota wkoll li hija stess ġiet imħarrka fil-kawża kostituzzjonali u allura għad trid tagħmel il-pożizzjoni tagħha fir-risposta li qed tħejji wara li ġiet notifikata bir-rikors kostituzzjonali.

Għaldaqstant is-Sedja tħoss li fiċ-ċirkostanzi għandha tagħti direzzjoni u tirrakkomanda li l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi għandu, ladarba hemm din il-kawża kostituzzjonali li ġiet intavolata b'mod kważi immedjat wara l-laqgħa tal-Kumitat inkwistjoni, jistenna l-eżitu u d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali qabel ikompli bil-mistoqsijiet lix-xhud Keith Schembri.

Is-Sedja qiegħda tagħmel din ir-rakkomandazzjoni biex tiġi evitata l-possibilità li l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jinstab li jkun qiegħed in breach tad-drittijiet fundamentali tal-istess xhud Keith Schembri kif intavolati fir-rikors kostituzzjonali msemmi aktar 'il fuq.

Dan kif jingħad fl-istess Erskine May, fil-parti bl-isem "Reliance on Parliamentary Proceedings", fejn jingħad dan li ġej:

> "it was therefore for the courts, not the select committee, to decide questions of law.".

Hawnhekk issir referenza għal diversi kawżi deċiżi mill-Qrati Ingliżi u jingħad ukoll dan li ġej:

> "... the court expanded on the second point to state that in general the opinion of a parliamentary committee will be irrelevant to the issues before a court because of 'the nature of the judicial process, the independence of the judiciary

> and its decisions and the respect that the legislative and judicial branches of government owe to each other'.".

Dan ingħad b'referenza għall-kawża li saret mill-Office of Government Commerce vs the Information Commissioner fl-2008 fejn jingħad li:

> "the reason given for a ruling that a statement in the House of Commons did not give rise to a legitimate expectation was that it was 'a statement of intent, made in an intensely political context and made not to a small or defined class but in effect to the public at large'."

U għalhekk:

> "The court implicitly recognised the distinction between political and legal accountability.".".

Hawn nagħlaq il-kwotazzjonijiet mir-ruling imsemmi.

Is-Sedja tirrileva li l-emails li sar referenza għalihom minn *The Shift* li jimplikaw b'mod dirett jew indirett l-istess Keith Schembri bl-ebda mod ma kienu f'idejn il-Membri tal-Kumitat għad-domandi li kienu qed isiru lill-istess xhud, u tirrileva wkoll li x-xhieda ta' Keith Schembri hija sospiża wara li ngħata r-ruling imsemmi aktar kmieni.

Is-Sedja tifhem illi t-talba għall-investigazzjoni mit-tliet Membri tal-Oppożizzjoni tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi lill-Pulizija dwar xhieda falza mix-xhud Keith Schembri quddiem l-istess Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, u dan ukoll b'rabta ma' rapport li deher f'*The Shift* aktar minn sena wara li ngħata r-ruling f'April 2023, għadha pendenti.

Barra minn hekk is-Sedja tinnota wkoll li l-kawża kostituzzjonali li qiegħda tinstema' fil-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) u li proprju fil-ġurnata tal-lum għadha ma hix konkluża.

Is-Sedja, wara li rat dan kollu tikkonkludi li t-talba għal investigazzjoni dwar xhieda falza – sperġur – ġustament saret lill-Pulizija. Infakkar ukoll illi s-Sedja, mingħajr ma tidħol fil-kwestjoni dwar dak li hemm fir-rapport ta' *The Shift*, ma għandhiex hija stess setgħat ta' investigazzjoni u għaldaqstant ma għandhiex mansjoni sabiex tinvestiga rapporti fil-media, anke jekk dawn iqanqlu suspett ta' xhieda falza mogħtija quddiem xi kumitat parlamentari.

Is-Sedja għalhekk tiddeċiedi illi fiċ-ċirkostanzi, ladarba din il-kawża kostituzzjonali għadha *sub judice*, u diġà saru rapporti lill-Pulizija dwar xhieda mogħtija quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, il-pożizzjoni tibqa' dik li hi kif diġà ġie deċiż fir-ruling ċitat aktar kmieni.

Ir-ruling huwa deċiż.